# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# GĦAXAR LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 05

17 ta' Ottubru, 2024

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-11.21am

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Philip Cassar – Viċi Sindku
Francis Galea – Kunsilliera
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Franco Bajada - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI [Skont Ordni Permanenti 14A(3)]:

Ħadd

ASSENTI

Is-sindku nforma li l-kunsilliera Cassar Sultana se tiġi ftit tard għal-laqgħa.

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marie Josette Vella Magro – Segretarja Eżekuttiva

# Aġenda Nru. 05

1.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
1.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 04
1.3 Komunikazzjoni mis-Sindku
1.4 Mistoqsijiet mill-kunsillieri
1.5 Komunikazzjoni oħra
1.6 Avvenimenti u affarijiet oħra
1.7 Ilmenti u suġġerimenti
1.8 Approvazzjoni tal-pagamenti 11/2024
1.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 1.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

1.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 1.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 04

1.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għall-minuti tal-laqgħa preċedenti Nru.04 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Il-kunsilliera Galea qalet li fil-minuti tal-laqgħa No.4 ma kienx hemm imniżżel x'ħin spiċċat il-laqgħa. Is-segretarja eżekutiva se tiċċekja r-recordings u l-ħin ta' xħin spiċċat ezatt il-laqgħa se jiġi mniżżel fil-minuti. Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarja Eżekuttiva.

## 1.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

1.3.1 Is-sindku beda l-komunikazzjoni tiegħu billi qal, li rigward il-proġett tal-pjazza, il-kunsill qed jiġri wara l-korporazzjoni Enemalta biex jitneħħew l-*aerial cables* ta' Sannat Road, u jghaddu il-*cables* minn taħt l-art. L-inġiniera ta' l-Enemalta ċemplet lis-sindku fejn infurmatu li hemm dar li qed tinbena u m'għaddewx il-*cable* minn taħt l-art għaliha.

1.3.2 11.24am Il-kunsillier Bajada ħareġ mill-laqgħa biex jirrispondi telefonata.

1.3.3 L-inġiniera ta' l-Enemalta talab lill-kuntrattur biex jgħaddi l-*cable* mill-*feeder pillar* u jaqsam it-triq minn taħt l-art għal din ir-residenza msemmija. L-inġinier talab personalment lis-sindku biex ikellem lis-sid ta' din ir-residenza, fejn dan ta' l-aħħar ċempel lis-sid in kwistjoni, però ma kienx hemm kommunikazzjoni. X'ħin isir ix-xogħlijiet msemmija fuq il-cables ta' din ir-residenza, ikun jista jitneħħew l-*aerial cables* minn din ir-residenza l-ġdida l-isfel, u l-cables ikun kollha taħt l-art. Rigward l-*aerial cables* ta' pjazza Santa Margerita, l-kuntrattur irid imur jiġbor il-cables mingħand il-Korporazzjoni Enemalta, peress li isss għandhom cables disponibbli. X'ħin dawn jinġabru jibda x-xogħlijiet biex jgħaddi dan il-cable minn taħt l-art, biex finalment l-enemalta tkun tista' tneħħi l-*aerial cables* ta' Pjazza Santa Margerita.

1.3.4 11.25am. Il-kunsilliera Cassar Sultana tidħol għal-laqgħa, kif ukoll il-kunsillier Bajada jerġa jidħol għal-laqgħa.

1.3.5 Rigward iż-żewġ fanali tad-dawl li mhumiex jixegħlu fid-daħla ta' Sannat, ir-raġuni hi li l-*cables* għadhom mhumiex mgħoddijin. Meta l-kuntrattur jgħaddi l-*cables*, dawn il-fanali jistew jinxtegħlu. Il-problema kienet li l-kuntrattur ma sabx il-katusi biex ikun jista' jgħaddi l-*cable* tad-dawl u għalhekk kellha tintalab l-għajnuna tal-kuntrattur li ħadem Sannat Road biex jipprovdi ritratti tax-xogħlijiet li għamel taħt l-art. Il-kuntrattur issa pprovda dawn ir-ritratti mitluba u għalhekk issa l-kuntrattur jaf eżatt fejn jista jħaffer fis-*soft area* biex ikun jista jgħaddi l-*cable*.

1.3.6 Fuq il-bonavostri li baqa' taz-zuntier, eżattament taż-żewġ turġien fil-ġenb, dawk li qiegħdin għat-tond, illum stess is-sindku għaraf lill-kunsilliera kellem lill-perit. Il-perit, minn naħa tiegħu qal li dawn qedin jinħadmu, però is-sindku saħaq li jkollu evidenza li dawn qeghdin fil-verità jinħadmu, għax ilhom ħafna żmien li suppost ġew u twaħħlu fuq it-turġien taz-zuntier.

1.3.7 Marbuta mar-*railing*s tat-taraġ taz-zuntier, is-sindku kellem direttament lid-direttur ġenerali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, fejn ġie deċiż li l-kunsill jixtri l-materjal u r-railings jinħadmu mill-ħaddiema fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Is-segretrarja eżekuttiva qalet li dawn ir-*railings* se jitwaħħlu eżatt fejn kienu qabel. Quddiem il-bieb iż-żgħir fil-ġenb tal-knisja se jitwaħħal ukoll *railing* fil-bankina, speċjalment għal dawk l-anzjani biex izommu mieghu.

1.3.8 Il-kunsill irid jinforma lill-kuntrattur li għandu t-*tender* marbuta mas-siġar tal-pjazza Santa Margerita, li issa li wasal ix-xahar t'Ottubru jridu jsiru x-xogħlijiet marbuta mal-qlugħ tas-siġar kif kien miftiehem. Is-segretarja eżekuttiva qalet li qed isir koordinament, anki mal-botanista, biex jinqalgħu dawn is-siġar msemmija, biex jitħawwlu siġar bil-fjuri doppja, kif hemm imniżżel fit-*tender* maħruġ mar-riġenerazzjoni tal-pjazza. Kif kien miftiehem fil-laqgħa preċedenti, dawk is-siġar li se jinqalgħu, se jerġgħu jitħawwlu fid-daħla taċ-Ċnus. Is-segretarja eżekuttiva qalet li hemm spiża żgħira, relatata mal-qlugħ tas-siġar mejtin fid-daħla taċ-Ċnus, biex ikunu jistew jitħawwlu dawn is-siġar minflokhom. Is-segretarja eżekuttiva se titlob kwotazzjoni ta' dawn l-ispejjeż addizzjonali, li se titħallas minn naħa tal-kunsill. Is-sindku rrimarka wkoll li fil-kuntratt hemm imniżżel, li jekk hemm xi siġra mgħawġa, l-kuntrattur għandu l-obbligu li jmur jorbotha, kif ukoll ineħħi l-weraq li joħroġ mill-parti t'isfel tas-siġra. Is-segretarja eżekuttiva fakkret ukoll li l-kuntratt ma' dan il-kuntrattur huwa validu għal tlett snin. F'dan il-kuntratt, il-kuntrattur huwa obbligat li jsaqqi dawn is-siġar li ħawwel fil-pjazza għal perjodu ta' dan il-kuntratt, però m'għandux x'jaqsam biex isaqqi siġar u pjanti oħra li nsibu fir-raħal ta' Sannat. Dawn il-pjanti u s-siġar l-oħra qegħdin jissaqqew mill-kuntrattur relatat mat-tisqija ta' dawn is-siġar u pjanti madwar ir-raħal. Il-kunsilliera Cassar Sultana, kif ukoll is-segretarja eżekuttiva nnutaw li hemm ħafna pjanti li huma mejtin. Is-sindku qal li dawn il-pjanti tal-fjuri huma staġonali, kif ukoll semma

li ħafna mill-pjanti li tħawwlu qieghdin ġo pots u l-ilma tat-tisqija mgħandux minn fejn joħroġ, peress li l-perit ma xtaqx li jsiru toqob fil-qiegħ tal-*pots*. Is-sindku semma ukoll li qed jitkellem mad-direttur fi ħdan il-ministeru għal Għawdex, biex forsi jsir arranġament biex l-kuntrattur li għandu it-*tender* tar-*roundabouts*, jibdew jieħdu ħsieb ukoll il-pjanti li hemm fil-pjazza. Minn naħa tiegħu d-direttur se jinforma lid-direttur ġenerali fuq din il-proposta, li s'issa l-kunsill mgħandux risposta peress li d-direttur ġenerali tinsab imsiefra. Fil-frattemp, is-segretarja eżekuttiva se tibgħat ħaddiem biex ineħħi l-ħaxix ħażin u forsi anki jitħawlu xi pjanti żgħar, biex ikun aktar dehra aħjar. Il-kunsilliera qablu ma' din il-proposta.

1.3.9 Il-viċi sindku Cassar irrimarka li l-kuntrattur li għandu t-*tender* biex isaqqi s-siġar u pjanti li hemm fir-raħal, ilu ħafna ma jaraħ isaqqi. Is-segretarja eżekuttiva qalet li dan il-kuntrattur jiġi bil-lejl jew kmieni filgħodu, fejn kompliet billi qalet li fl-opinjoni tagħha ma taħsibx li dawn huma neqsin mit-tisqija, però se tkellem lill-kuntrattur biex jerġgħu isaqqu s-siġar u pjanti. Semmiet ukoll li l-kunsill kien talab biex iżid id-doża ta' l-ammont tat-tisqija peress li dan is-Sajf kienet ħafna sħana, u forsi naqsu l-ammont tat-tisqija meta għamel perjodu qasir fejn it-temperatura naqset ftit. Issa li t-temperatura reġgħet telgħet il-fuq, hemm bżonn li jissaqqew aktar. Is-segretarja eżekuttiva qalet li hi jkollha l-kontijiet kollha mibgħuta mill-kuntrattur u għalhekk tista' toħroġ bejn wiehed u iehor kemm qed jissaqew.

1.3.10 Il-viċi Sindku nnota wkoll li s-siġar għandhom bżonn żabra, bil-kunsilliera jaqblu li għandha tinġieb kwotazzjoni mingħand terzi persuni marbuta maż-żbir tas-siġar. Il-viċi sindku kompla billi qal li hu jħoss li fir-raħal għandu jitħawwlu aktar siġar. Is-sindku qal li dejjem hemm il-lok li jitħawwlu aktar siġar, però rrimarka li fl-aħħar snin żdiedu ħafna siġar fosthom siġar fi ġnien il-bidwi u l-gnien tad-daħla taċ-ċnus. Fl-abitat, is-sindku fakkar lill-kunsilliera, li fil-passat inqalgħu problemi mar-residenti fejn għandhom jitpoġġew *pots*.

## 1.4 Mistoqsijiet mill-kunsilliera

1.4.1 Il-kunsillier Bajada staqsa fuq iz-*zebra crossing* tal-pjazza Santa Margerita, kif ukoll il-viċi sindku semma wkoll rigward il-bankijiet addizzjonali fil-pjazza, fejn hawnhekk is-sindku kkonferma li dawn twaħħlu.

1.4.2 Il-kunsilliera Cassar Sultana rrimarkat u għamlet enfazi fuq is-servizz li jingħata mil-bank BOV fir-raħal ta' Sannat, fejn saħqet li l-kunsill għandu jkellem lid-diretturi tal-bank imsemmi u jkompli jinsisti biex ikun hawn aktar servizzi mgħotija mil-bank, speċjalment servizz tal-ATM u għajnuna lill-anzjani biex ikunu jistgħu jużawha. Is-sindku qal li kien kellu laqgħa mad-diretturi tal-bank fejn ġew diskussi t-talbiet tar-residenti Sannatin. Is-segretarja eżekuttiva qalet li se tibgħat imejl lill-bank, fejn se titlobhom meta se tiġi nstallata u tibda tintuża l-magna. Is-sindku semma wkoll li l-anzjani qed jitolbu li jmorru bil-ktieb tal-bank, kif kienu mdorrijin u li l-kunsill diġa' għandu ftehim mal-bank biex ikollhom persuna għal l-ewwel xahar, biex tfiehem lin-nies li jkollhom bżonn għajnuna kif jużaw l-ATM. Il-kunsilliera Cassar Sultana saħqet li din l-informazzjoni għandha tiġi mwassla lir-residenti, permezz tal-paġna soċjali tal-kunsill.

Rigward il-*playing field*, fl-aħħar sar il-kuntratt u l-kuntrattur għamel il-garanzija meħtieġa.

1.4.3 Is-sindku kellem lill-kuntrattur innifsu biex itiħ eżattament meta se jibda x-xogħlijiet. Il-kuntrattur wieġeb li hemm xi xogħol preparatorju li jrid jagħmel il-kunsill, però s-sindku qal lill-kuntrattur li jista jibda xigħol ta' *dismantling* ta' l-equipment il-qadim. Is-segretarja eżekuttiva nfurmat lill-kunsilliera li se tibgħat il-*commencement notice*. Hija kkonfermat li l-kuntrattur kellu laqgħa mas-sindku fuq il-post, u s-sindku qal li sar ftehim li l-kunsill irid jagħmel il-livellar bic-cement, imma il-kuntrattur jista' jaqla l-affarijiet li se jinbidlu.

1.4.4 Is-segretarja eżekuttiva talbet lis-sindku biex jagħti aġġornament fuq ix-xogħlijiet marbuta mal-kalkara tal-Ġir, anki għall-fatt li l-kunsill rċieva mistoqsija parlamentari fuq dan il-proġett. Is-sindku nforma li l-ġebel huma mikghul bil-melħ u biex jinbidel irid ikun ġebel apposta. Il-barriera minn fejn se jinqata' l-ġebel ikun irid xi saff partikulari li skond il-perit ikun tajjeb biex jintuża. Il-kunsilliera Cassar Sultana spjegat li ċertu ġebel li jrid jinqata' għat-tond, bħal fil-każ ta' dan il-proġett, irid jinqata' minn saff partikulari tal-barriera u jista' jieħu fit-tul biex jaslu għalih. Naturalment ukoll, il-ġebla trid tkun iċċertifikat mill-perit. Is-sindku qal li issa waslu fil-fażi li l-ġebel inqata' u jrid jiċċertifikaħ il-perit, kif ukoll iridu jiġu ta' SCH fuq il-post. Dawn il-persuni iridu jagħtu l-konferma minn naħa tagħhom, biex f'dik l-eventwalità jitkompla x-xogħlijiet. Is-sindku kompla li l-SCH iridu dejjem jimmoniterjaw u jkunu preżenti waqt ix-xogħlijiet, peress li l-binja hija protetta. Is-segretarja eżekuttiva rrimarkat li l-'hoarding' madwar is-sit irid jittranġa, bis-sindku jwieġeb li din hija responsabiltà tal-kuntrattur u se jiġi nfurmat.

1.4.5 Aġġornament fuq Triq Xamgħan: is-sindku qal li l-kuntrattur sab xi diffikultajiet, peress li xi residenti lmentaw li kienet qed issirilhom ħsara fil-kantini tal-binjiet tagħhom, permezz tal-vibrazzjoni tal-inġenji l-kbar li qed jintużaw. Għaldaqstant, l-kuntrattur irid juża is-siega, però fl-*item line* li għandu fit-*tender* mal-korporazzjoni ta' l-ilma, mhemmx indikat li jista juża s-siega, u għalhekk qed jistennew direzzjoni mil-korporazzjoni msemmija. Is-sindku qed jenfasizza mal-kuntrattur biex ikompli x-xogħlijiet, li minn naħa tiegħu, wiegħed li se jkompli x-xogħlijiet, minn nhar it-Tlieta 22 ta' Ottubru. Is-segretarja eżekuttiva qalet li huwa mportanti li lufficcju tal-kunsill ikun infurmat rigward it-tkomplija tax-xogħlijiet, għall-fatt li dawn jaffetwaw l-ħruġ ta-permessi ohra mitluba mir-residenti jew individwi partikulari.

1.4.6 Il-kunsilliera Cassar staqsiet lis-sindku biex jispjega iktar fid-dettal dwar il-mitejn euro (€200) bħala depożitu waqt xogħol ta' kostruzzjoni, li terġa tingħata lura, jekk is-sit ikun tħalla fi stat aċċettabli. Is-sindku saħaq li din bdiet tintalab għax kien qed ikun hemm użu ta' inġenji kbar ta' kostruzzjoni li kienu qed iħallu ħafna inkonvenjent/hmieg bħal siment, żrar u żejt taħt dawn il-vetturi msemmija. Każ partikulari kien fi Triq Dun Luqa, fejn triq ġdida bit-tarmak spiċċat mimlija żejt li ħareġ taħt krejn li kien qed jintuża. Is-sid ta' kostruzzjoni ilmenta mal-kunsill fejn qal li huwa ma kellux x'jaqsam, imma s-sindku rrimarka li l-permess nħareġ f'isem dan l-individwu u għalhekk huwa jiġi responsabbli. Is-segretarja eżekuttiva qalet lil-permessi li jinħarġu jingħataw taħt ċerti kundizzjonijiet speċifiċi. Is-sindku kompla jispjega li l-kunsill qed jitlob ħamsin ewro (€50) depożitu fuq permessi ta' skips u lifters, ukoll. Dan għall-fatt ukoll li xi drabi ikun hemm skart ta' kostruzzjoni l-barra mill-iskip u għalhekk ikun ta' nkonvenjent li jibqa x'ħin jitneħħa l-iskip. Is-segretarja eżekuttiva qalet li  qed jintalbu depożitu ta' għaxar ewro (€10) biex jintużaw it-tabelli tan-*no parking*, għaliex dawn it-tabelli ma kienux qed jiġu rritornati u f'din l-eventwalità l-kunsill kien qed jaghmel spejjeż addizzjonali biex dawn jerġgħu isiru. Is-

sindku talab l-għajnuna tal-kunsilliera, li jekk jinnutaw xi landi, *bricks* jew affarijiet oħra biex ma jkunx hemm *parking* f’dak il-post, jirrapurtaw il-kunsill biex tittieħed azzjoni għax dawn mhumiex aċċetabli. Dawn il-persuni iridu jkunu responsabbli, jmorru l-kunsill, jitolbu għal dawn it-tabelli tan-*no parking* u jerġgħu jirritornawhom lura l-kunsill x’ħin ilestu. Is-segretarja eżekuttiva rrimarkat li dawn id-depoziti li qed jiġu mitluba, kienu ġew deċizi mill-kunsill preċedenti fil-leġislatura l-oħra. Is-sindku kompla billi qal li l-uniku postijiet li mhumiex jitolbu depożitu huma f’toroq fejn it-triq ghadha ma saritx jew li bħalissa għaddejjin ix-xogħlijiet marbuta ma’ kostruzzjoni u l-asfaltar ta’ triq. Is-segretarja eżekuttiva semmiet li l-bieraħ waqt li individwu partikulari ġie joġġezzjona fuq l-imsemmi depożitu, semma kif l-kunsill iħalli trakkijiet tad-demel jgħaddu mil-pjazza Santa Margerita. Is-segretarja eżekuttiva għamlitha ċara li l-kunsill qatt ma ta jew jista’ jwaqqaf it-trakkijiet bid-demel jgħaddu mit-triqat ghax permess ghal skariggar fit-toroq ghandhom meta ghandhom in-numru tal-vettura. Il-sindku qal li jistgħu ituhom rotta oħra u ma jgħaddux mil-pjazza, jew ta’ l-inqas il-kunsill jiġi nfurmat x’ħin se jgħaddu, bis-segretarja eżekuttiva tgħid li pjuttost tista’ tkun haga diffiċli għax kuljum jgħaddu dawn l-inġenji u blah in fiss. Il-kunsilliera Cassar semmiet li għandhom jitwaħħlu kameras, bis-segretarja eżekuttiva twieġeb li dawn suppost dalwaqt jiġu nstallati.

1.4.7

Il-viċi sindku semma li meta jkun hemm xi toroq magħluqin, minħabba wkoll xi attività li tkun organizzata, ix-xufiera tas-servizz pubbliku qed iħallu lin-nies fil-pjazza u ma jieħdux rotta oħra biex b’hekk in-nies ikunu jistgħu jinżlu fil-post mixtieq, fejn qed jirreferi għall-inħawi ta’ Ta’ Ċenċ. Is-sindku qal li kemm il-darba tkellmu ma’ min jieħu ħsieb it-trasport pubbliku f’Għawdex, però r-risposta dejjem tkun li dawn ir-rotot jiġi deċizi mill-uffiċċju Malta. F’dawn il-każ, jekk ma jista’ jsir xejn minn naħa ta’ l-uffiċċju f’Għawdex, is-sindku qal li jridu jitolbu minn hu responsabbli mill-uffiċċju ta’ Malta u jmorru personalment laqgħa ma’ dawn l-uffiċjali. Bħala kunsill, dejjem jitwaħħlu karti mal-*bus stop*, fejn jinfurmaw lin-nies li mhuwiex se tgħaddi l-vettura tas-servizz pubbliku f’dak il-ħin jew ġurnata partikulari, dejjem ziedet is-segretarja eżekuttiva, jekk il-kunsill ikun nfurmat li se tingħalaq it-triq u jkun hareg il-permess mehtieg.

1.4.8

Il-kunsilliera Cassar qalet li ġiet avviċinata mill-NGOs tar-raħal, fejn xtaqu li l-kunsill jgħinhom jagħmlu l-permessi mitluba biex itellew attività. Is-sindku qal li dawn l-NGOs qed jitolbu li l-kunsill jinforma lill-pulizija jew it-trasport Malta. Is-segretarja eżekuttiva qalet li l-kunsill ma jitlobx flus lill-għaqdiet volontarji tar-raħal, ħlief għal-miżata żgħira fejn ikun hemm xi ħaġa kummerċjali. Jekk xi għaqda partikulari tkun se tagħlaq triq jew parti mil-pjazza, jinfurmaw il-kunsill u minn naħa tal-kunsill ikellmu lit-trasport Malta u l-pulizija u jistennew in-*no objection* minn naħa tagħhom. Dan il-proċess isir dejjem jekk din l-għaqda tinforma lill-kunsill fil-ħin stipulat. Jekk il-kunsill ikun nfurmat lejliet l-attività, l-permessi tat-trasport malta u l-pulizija iridu jġibuhom dik l-għaqda partikulari. Il-kunsill irid jiġi nfurmat tliet ijiem qabel meta xi had jitlob permess, għax inkella jkun hemm spiża addizzjonali li ma tkunx tista’ titneħħa.

1.4.9

Fuq Triq Paranji, is-sindku nforma lill-kunsilliera li l-awtorità għamlu t-tieni servey u qed jistennew il-*manager* tas-section biex jagħti l-approvazzjoni tiegħu. Il-perit tal-kunsill qed jibgħat *reminders* lill-awtorità, biex ikun hemm risposta mill-iqsar żmien. Il-kunsilliera Cassar qalet li din għarukaża anki għall-fatt li se jkun hemm nies li se jkollhom it-tieġ tagħhom u se joħorġu minn triq mimlija trab. Is-sindku qal li hemm nkonvenjent għar-residenti kollha tat-triq. Il-kunsill nforma lir-residenti li l-kunsill għamel il-mezzi kollha possibli, però ma jiddependix mill-kunsill fuq il-progress. Xogħol il-kunsill -qal is-sindku-

kien li jġib il-fondi, liema fondi ġew mil-ministeru għal Għawdex, grazzi għall-ministru Clint Camilleri.

1.4.10

Rigward ix-xogħlijet li hemm fl-inħawi ta' Ta' Ċenċ fejn se jgħaqdu l-ġibjun il-ġdid mal-ġibjun il-qadim, is-sindku qal li hemm xi diffikultajiet partikulari, peress li jridu jgħaddu katusi kbar u mhemmx spazju biżżejjed peress li għaddejjin ħafna servizzi. Bħalissa għaddejjin ix-xogħlijiet fil-pjazza ta' Ta' Ċenċ, fejn inqalgħu il-bollards, u wara li jinħeles ix-xogħol se jitwaħħlu fanali li se jagħtu aktar dawl. Il-kunsill kellem ukoll lill-korporazzjoni Enemalta, għall-fatt li dawn iridu isaħħu d-distribuzzjoni tad-dawl mill-istess infrastruttura. Is-sindku enfasiża ma' l-inġinier li l-korporazzjoni Enemalta trid tagħmel permess partikulari minn naħa tagħha, dan għall-fatt li jekk jiġri xi ħaġa waqt li l-kuntratur ikun qed jagħmel xogħlijiet marbuta mad-dawl, la l-kuntrattur u lanqas il-korporazzjoni mhumiex ikkaverjati. Is-sindku semma wkoll li dan jorbot ukoll ma' l-asfaltar li jkun irid isir wara x-xogħlijiet li jkopru skond il-permessi li hemm maħruġa u l-linji stabbiliti. Il-kunsill jinsisti li jkun hemm kollox iswed fuq l-abjad u dokumentat u approvat mill-awtoritajiet.

1.4.11

Is-sindku semma ukoll li l-partijiet li mhumiex koperti mit-*tender* tat-triq Paranji u triq t-Tempju ta' l-Imramma, il-kunsill irid jagħmel laqgħa mal-ministeru għal Għawdex, biex tkun miżjuda fl-istimi, biex dawn il-partijiet ta' dawn iż-żewġ toroq jitkomplew bl-asfaltar. Fuq dik il-parti ta' Sannat Road magħrufa aħjar il-qasam ta' Sannat, is-sindku qal li qed jistennew il-kuntrattur biex jinfurmahom meta se jibda x-xogħlijiet, peress li l-kuntratt diġa ġie ffirmat. Is-sindku qal, li l-ideja tieghu hi li jsir il-proġett tal-*playing field*, li jinkludi ġibjun, isir *parking* fuq il-ġibjun u fil-livell ta' fuq il-*parking* isir il-*playing field*. F'dawn l-aħħar snin, sar investiment biex l-ilma tax-xita jgħaddi mil-*water storm culvert* taħt it-triq, jitkompla sa' dan il-gandott f'nofs il-qasam li jwassal għal wied ta' Mgarr ix-Xini, li se jkun parti mill-proġett tat-triq tal-qasam. La qed isemmu l-qasam, is-segretarja eżekuttiva nfurmat lill-kunsillieri li kellha komunikazzjoni mal-kunsill tax-Xewkija, fejn dawn qalu li kellhom komunikazzjoni mal-ministeru biex jaraw hemmx xi arranġamenti fuq dik il-parti tat-triq, u dawn ġew nfurmati li ma kienx hemm arranġamenti *per se*. Rigward id-dawl tat-triq, il-kunsill tax-Xewkija irrapurtawhom, u l-kunsillier Bajada ikkonferma li dawn ġew irranġati, kif ukoll ta' Triq Marziena. Li baqa' hemm Bozza numru 200 fejn iċ-ċimiterju , u tnejn oħra fil-qasam, waħda minnhom il-*bus shelter*, però numru huwa maqlugħ. Is-sindku qal li kull bozza li hemm 64 huwa tax-Xewkija, in-numru 56 huma bozoz tal-kunsill ta' Sannat. Is-segretarja eżekuttiva talbet lill-kunsillier Bajada biex jieħu ritratt u jibgħatulha, biex imbagħad tiġi rrapuratata lir-reġjun t'Għawdex, peress li m'għandhiex numru.

## 1.5

## Komunikazzjoni

1.5.1

Approvazzjoni tal-Performance Bonus tal-Animal Steward.

Is-segretarja eżekuttiva qalet li l-kunsill kien rċieva kont mingħand *Road Construction Ltd* rigward xogħlijiet li saru fit-triq fl-20 ta' Lulju datati lura fl-2019 li jidher li għadu pendenti. Il-kumpanija intalbet biex tagħti kjarifika fuq dawn il-kontijiet u x-xogħlijiet li saru, però s'issa l-kunsill għadu ma rċieva l-ebda komunikazzjoni.

1.5.2

Rigward id-*double line* mitlub marbut ma' parti mit-triq il-Kbira, is-segretarja eżekuttiva talbet lill-kunsilliera Cassar Sultana biex tiddikjara kunflitt ta' interess minhabba li tikkoncerna persuni mill-istess familja, kif fil-fatt ghamlet il-kunsilliera Cassar Sultana. Is-segretarja eżekuttiva qalet li s-sindku u l-perit marru fuq il-post. Il-perit qed ilesti d-*drawings* meħtieġa biex jintbagħtu lil *Transport Malta*. Il-kunsilliera qablu, li għalissa ma hemmx bżonn li isiru *double yellow line* quddiem l-isqaq magħruf aħjar bħala 'Ta' Peppa'. Is-segretarja eżekuttiva qalet li se taġġorna lill-kunsill xħin ikollha xi tip ta' risposta minn naħa tal-perit, u qalet ukoll li l-persuna li qiegħed joġġezzjona fuq il-qtugħ tal-bankina baqa' jinsisti li jrid risposta u kull tip ta' dokumentazzjoni li saret waqt il-laqgħa tal-kunsill issir bil-lingwa Ingliża. Skond il-liġi d-dokumentazzjoni hija kollha bil- Malti u s-segretarja eżekuttiva nfurmatu li bħalissa qed jistennew il-pariri tekniċi biex tittieħed deċiżjoni.

1.5.3 Daħlet PQ fuq iż-żebgħa taz-*zebra crossing* fi Pjazza Santa Margerita u għaliex din għadha ma saritx wara li ilha erbgħa xhur li ġiet inawgurata u hemm periklu għal min irid jaqsam . Ir-risposta tal-kunsill kienet li twaħħlu l-arbli tal-pelican lights u qed jistennew liema żebgħa hija addatta fuq il-pavimentar li sar biex tintuża biex ma tkunx tiżloq. X'ħin ikun hemm ir-risposta din se tinżabaħ u s-segretarja eżekuttiva nfurmat li l-ġimgħa d-dieħla se jaslu l-*steel markers* tal-pjazza biex ikunu jistgħu ikomplu bit-*traffic management* tal-pjazza propost.

1.5.4

Fuq id-dwal, is-segretarja eżekuttiva qalet li kellha laqgħa ma' l-inġinier tas-sistema biex jinbidlu jew jiżdiedu d-dawl marbuta mat-toroq. Il-kunsill se jkun qed iħallas mitejn u ħamsin ewro (€250) biex terġa tintuża s-sistema u jieħdu ħsieb kollox huma imbaghad. Fil-fatt din is-sistema diġa bdiet tintuża.

1.5.5

Is-segretarja eżekuttiva qalet li ħarġet espressjoni ta' interess biex isiru servizzi ta' manutenzjonijiet minuri f'binjiet pubbliċi, u l-kunsilliera qablu unanimament li għadhom japplikaw għal dawn il-fondi skont iċ-cirkulari maħruġa mid-dipartiment tad-DLG – SPI SCI 07/2024

1.5.6

Iċ-ċirkularijiet ntbagħtu lill-kunsilliera kollha b email minn naħa tal-ufficju tal-kunsill.

1.5.7

Fi Triq l-20 ta' Lulju hemm applikazzjoni ghal bini ta' dar, u l-perit tal-Kunsill fuq talba tas-Sindku talab kjarifikazzjoni minħabba alignment qed jidher fil-pjanti ta' l-awtorità ta' l-ippjanar li ma kienux jidhru qabel. L-awtorità wieġbet li kien hemm żball fis-sistema u dan m'għadux jidher.

1.5.8

Is-segretarja eżekuttiva rrimarkat li l-kunsill għadu mingħajr *data protection officer*. Hija fakkret lill-kunsilliera li kien hemm qbil li l-*agent executive secretary* tal-kunsill tax-Xewkija kienet proposta li tkun l-*data protection officer* tal-kunsill ta' Sannat waqt li s-segretarja eżekuttiva tal-kunsill ta' Sannat tkun id-*data protection officer* tal-kunsill tax-Xewkija. S'issa ma kienx hemm risposta fuqha mix-Xewkija u l-kunsilliera qablu li s-segretarja eżekuttiva għadha tkompli tippersisti li jsir dan il-ftehim.

1.5.9

Il-perit Edward Scerri intalab biex jagħti kjarifika rigward dokumentazzjoni mill -awtorità ta' l-ippjanar marbuta ma' 'cul de sec' fi Triq Skerla ghax mhux cara l-affari..

1.5.10

Rigward CCTV, Lot 1 ġie aġġudikat u l-kunsilliera taw l-approvazzjoni tagħhom ghar-rizultat waqt li Lot 2 ġie estiż.

1.5.11

Il-perit talab lis-sindku biex jiltaqgħu fuq il-post biex jiġi ndikat fejn ġejja z-*zebra crossing* kif kien deċiż waqt il-laqgħa preċedenti fi Triq Marziena.

1.5.12

Il-kunsilliera Cassar Sultana bagħtet kwotazzjoni marbuta mal-*Malta International Organ Festival* mil-baritnu Joseph Lia, fejn qed jiġi mitlub is-somma ta' sitt mija u ħamsin ewro (€650) kif ukoll donazzjoni lill-knisja ta' mija u ħamsin ewro (€150) excluding VAT. Is-segretarja eżekuttiva qalet li dan l-ammont huwa *above budget*, però se tghidlu li jekk irid japplika għal xi fondi b'kollaborazzjoni mal-kunsill, jista jagħmilha, u ghandha tinfurmah wara li japprova dan il-kliem il Kunsill, u hekk gie approvat.

1.5.13

Resident talab li jsir *double yellow line* fi Triq Gerxija, liema talba għaddiet bis-sistema u ntbagħtet lit-*Transport Malta*. Is-sindku qal li f'din it-triq aħjar tiġi organiżżata kollha, u għalhekk is-sindku se jintaqa' mal-perit biex isir *traffic management* biex eventwalment jiġi diskuss fil-laqgħa tal-kunsill, u wara l-approvazzjoni tal-kunsilliera, jiġi mgħoddi lit-*Transport Malta* għal-evalwazzjoni.

1.5.14

Il-kunsill ġie nfurmat mir-reġjun ta' Għawdex, li l-*Friends of the Earth Malta* se jorganiżżaw *treasure hunt* fit-2 ta' Novembru u jixtiequ li jkun hemm żgħażagħ. Is-segretarja eżekuttiva qalet li kull min japplika irid iħallas depożitu, li jingħata lura wara li jmorru l-attività.

1.5.15

Fuq pagamenti relatati mal-pjazza, is-segretarja eżekuttiva qalet li l-kunsill qiegħed jagħmel il-*claim* li jmiss marbuta ma' pagamenti tal-pjazza Santa Margerita. Id-dokument tal-claim gie pprezentat lil Kunsilliera kollha sabiex jinqara bl-attachments kollha u il-Kunsill approva ir-rikjesta ghal pagamenti skond kif anness in relazjoni mal Progett tal Pjazza. Dan sabiex jigu mhallsa l kuntratturi appena jaslu l fondi.

1.5.16 Il-*project manager* qiegħed jitlob li jkun imħallas fuq l-istess tender pricing imma l-ammont totali diga' thallas ghax kien gie estiz il progett imma kien hemm klawzola li l-ammont ta' pagament ma jistghax jizdied; ix-xogħlijiet għadhom għaddejin s'issa per ezempju, relatati mal-*cables*.

1.5.17

Il-kunsilliera Cassar Sultana staqsiet fuq il-berġa ta' Sannat li issa ilha magħluqa għal-numru ta' snin, hiex se titranġa. Is-sindku qal li mill-informazzjoni li għandu, din il-binja hija kkundannata u l-kunsilliera qablu li jitkellmu mal-ministeru tas-saħħa.

1.6 *Christmas Get together* is-Sibt fl-14 ta' Diċembru fix-Xagħra Lodge , hu min se jinkiteb irid imur għax jekk ikunu miktubin u ma jmorrux iridu jħallsu personalment. Fiċ-ċirkulari hemm imniżżel fejn jistgħu jirreġistraw min hu nterassat.

1.6.1

## Avvenimenti w affarijiet oħra

1.6.2 Is-sindku qal li nhar is-Sibt 19 ta’ Ottubru se jsir serata ta’ għana. Billi qed ikun previst li se tkun ix-xita, din is-serata se jsir fis-sala ta’ l-iskola primarja Sannat minflok fi pjazza Cocco Palmieri. Is-segretarja eżekutiva qalet li l-kap ta’ l-iskola aċċettat li din l-attività isir fis-sala, u enfasiżżat li wara s-serata isir it-tindif tas-sala. Is-sindku qal li din mhux problema u din se tkun responsabiltà ta’ l-għaqda drammatika Sannat li se jiehdu hsieb din l-attivita’.

1.6.3 Il-ħarga edukattiva għall-anzjani li ser isir fl-24 ta’ Novembru, se nmorru fil-knisja ta’ Santa Luċija u wara se jmorru il-klabb tal-futbol ta’ Kerċem. Ser ikun hemm taħdita mingħand *dietician*. Il-kunsilliera huma mistiedna li jattendu.

1.6.4 Is-sindku fakkar ukoll fuq il-*world children’s day* li se jsir il-Ħadd 17 ta’ Novembru.

1.6.5 Fuq it-tiżjin tal-milied, is-segretarja eżekuttiva qalet li qed tistenna l-kwotazzjonijiet. X’ħin dawn il-kwotazzjonijiet jidħlu jiġu evalwati u tittieħed deċizjoni. Is-sindku wera lill-kunsilliera xi drawings ta’ tiżjin li hemm propost. Kif kien deċiż fl-aħħar laqgħa tal-kunsill, ser jiżżejnu pjazza Santa Margerita, Pjazza Cocco Palmieri u xi ħaġa fi pjazza tax-Xelina. Ma jfissirx li dawn kollha se jsiru, imma iridu jaraw kemm se jkunu l-kwotazzjonijiet biex ikunu jafu kemm jistew jagħmlu tiżjin.

L-attivita ta’ *Christmas in the New Square* se jsir is-Sibt 7 ta’ Diċembru, se jkun hemm mal-ħamsa u għoxrin bankarella. Is-sindku qal li se jkun hemm programm vast bħala entertainment, fosthom diversi korijiet minn Sannat, Nadur u ieħor mir-Rabat u anki se jkun hemm il-Pusé bil-vjolin. Il-kunsill irid issa jagħmel id-dar ta’ Santa Claus, bil-viċi sindku joffri backdrop biex jintuża f’din l-attività.

1.7

1.7.1

## Ilmenti u suġġerimenti

1.7.2 Persuna talbet biex isir mera fejn il-gabbana ta’ Mġarr ix-Xini peress li qed ikun hemm konġestjoni. Is-sindku qal li se jmur jiċċekkja fuq il-post jekk din tistax isir. Il-kunsilliera Cassar qalet li Mġarr ix-Xini issa mhemm xejn *ashtrays*. Is-segretarja eżekuttiva qalet li dawn jiswew ħafna flus u xorta jkollhom jinbidlu f’temp qasir ghax il-melh jikolhom billi huma tal-metall u qed jaraw hemmx ta’ materjal iehor addattati imma l-Ministeru jiehu hsieb li jkun hemm id-dsposable ashtrays fl-istagun s-shun, u s-sindku ssuġerixxa li jitwaħħlu dawk il-*bins* antiki li għandhom l-*ashtrays* li kien hemm fil-pjazza.

1.7.3

Saret talba lill-kunsill biex tiġi rranġata bankina fi Triq il-Kbira kif ukoll Triq Dun Luqa . Liema talba ntbagħtet permezz tas-sistema tal-Ministeru għal Għawdex. Kif ukoll kien hemm talba biex jittranġa ħajt tas-sejjieħ fi Triq Mġarr ix-Xini, u gie approvat.

1.7.4

Diversi persuni li staqsew meta se jsir it-Triq tat-Tempju ta' l-Imramma. Is-segretarja eżekuttiva qaltilhom li għadhom fil-fażi inizzjali u se jingħataw iktar informazzjoni x'ħin ikollhom idea aktar ċara, jagħtu aġġornament lir-residenti.

1.7.5

Resident talab li jsir mera fejn l-iskola l-qadim mas-siġra l-kbira faċċata tal-garaxx tiegħu , peress li qed isib diffikultà biex jidħol u joħroġ il-vettura tiegħu. Approvata.

1.7.6

Persuna talab biex jerġa jinfetaħ aċċess fi sqaq Dun Anastas għall-għalqa privata tiegħu, peress li għandu bir u mhux jintela' peress li sar xi siment fl-isqaq u ghalaq il-passagg tal-ilma. Is-sindku se jmur fuq il-post biex jivverifika.

Resident li joqgħod ġo Sqaq fi Triq ta' Ċenċ talab li jiġi rranġat il-bank li hemm miksur fl-istess sqaq. Is-segretarja eżekuttiva qalet li l-ħaddiema tal-kunsill se jmorru u jiġi rranġat dan il-bank mitlub. Is-sindku qal li la qed isemmu l-isqaqien huwa mportanti li dawn l-isqaqien jingħataw isem, issa li se jibda l-proċess tal-*door numbering*. Is-sindku qed jissuġerixxu wkoll li Triq il-Kbira u Triq Vincenzo Caruana Spiteri. Dan għall-fatt li Triq il-Kbira hija waħda mit-toroq il-qodma tar-raħal u hemm ħafna konfużjoni ta' numri u ismijiet, kif ukoll issa li ser jsir il-proġett tal-pjazza Cocco Palmieri, din il-pjazza tissemma Pjazzetta Maestro Vincenzo Caruana Spiteri anki għall-fatt li se jkun hemm bust tiegħu. Hemm issuġġerut ukoll li fil-Ħdud u l-festi pubbliċi fl-12.00pm tindaqq parti mir-repertorju ta' mużika miktuba minn dan is-surmast biex iservi bħala attrazzjoni kemm għar-residenti, kif ukoll għat-turisti. Il-funtana tkun sinkronizzata mal-muzika u *panels* b'informazzjoni rigward din il-mużika u l-maestro nnifsu. Ir-residenti iridu jiġu nfurmati f'dan il-każ li jkun jridu jbidlu l-ID card personali tagħhom la ħa jsir il-process ta' *door numbering*. Is-sindku semma wkoll li kull sqaq, irrelevanti ta' kemm hu kbir jew żgħir, irid jingħata isem. Is-segretarju eżekuttiva se titlob lil bord ta' l-ismijiet biex isir konsultazzjoni flimkien mal-kunsill lokali, speċjalment fuq triq il-Kbira. Il-kunsilliera Galea, semmiet ukoll rigward il-post fejn hemm is-switch li bih kien inxtegħel l-ewwel darba d-dawl fir-raħal ta' Sannat, biex ma jintilifx, għax hija parti mill-istorja tar-raħal. Il-kunsilliera Galea qalet li se tagħmel
1.7.7 riċerka mal-korporazzjoni Enemalta, meta eżattament iddaħħal id-dawl ġo ta' Sannat, u s-sindku qal li għandha issir panel bl-informazzjoni ta' dan l-avveniment. Il-preokupazzjoni tas-sindku hija wkoll li forsi għad jinbiegħ u jitwaqqa l-post u dan is-switch li jinsab ġo kaxxa fi pjazzetta tax-Xelina jinqala.

1.7.8

il-knisja parrokkjali talbu biex tiġi rranġata il-bankina fejn iċ-ċimiterju għax kien hemm it-tarf tal-bankina li kienet għadha ma saritx. Saret talba mis-sistema tal-Ministeru

Il-viċi sindku saqsa lis-sindku meta se tingħata bit-tarmak dik il-parti tat-triq, eżattament f'nofs triq ta' Ċenċ fejn hemm gandott ssiggillat bis-siment. Is-sindku qal li din hija
1.7.9 responsabilta' tal-korporazzjoni ta' l-ilma li għandu l-kuntratt u saħaq li kellemhom biex

tiġi asfaltata. Is-segretarja eżekuttiva fakkret li huwa mportanti li lmenti bħal dawn jaslu l-kunsill mill-aktar fis u ma joqogħdux jistennew il-laqgħa tal-kunsill biex iressqu lment.

1.7.10 Il-viċi sindku qal li fil-laqgħa preċedenti kien talab li jsir double yellow line fi Triq Seguna quddiem garaxx ta' individwi, peress li qed isib diffikultà biex jidħol u joħroġ bil-vettura tiegħu. Is-segretarja eżekuttiva talbet lill-viċi sindku biex jerġa jibagħtilha ritratt ta' fejn qed isir din it-talba halli taccerta li saret it-talba u m ghadniex nistennew ir-ritratt tas-sit.

1.7.11 Il-kunsilliera Cassar Sultana qalet li fi Triq il-Kbira, eżattament fejn hemm bir bil-ħorża ġol-ħajt fuqu, ilbieraħ stess għall-ħabta ta' l-3.50pm kien hemm żewġ boroż ħodor u knis mhux miġbur. Is-sindku staqsa lill-kunsilliera Cassar Sultana jekk dawn il-boroż kienux tal-*public cleansing*, bil-kunsilliera tikkonferma li kienu tal-*public cleansing*. Is-sindku qal li kuljum għal ħin tat-3.00pm jgħaddi t-trakk tal-public cleansing jiġbor il-boroż il-ħodor.

1.7.12 Il-kunsilliera Cassar Sultana lmentat li hemm bank miksur totalment u l-ieħor mhux marbut fil-bajja ta' Mgarr ix-Xini. Is-segretarja eżekuttiva qalet li suppost dak il-bank intrabat, però l-kunsilliera Cassar Sultana kkonfermat li mhux marbut. Is-sindku qal li dak l-imkisser jinqala' u jitwaħħal wieħed mit-tmien bankijiet li hemm fejn il-bajja minfloku.

Skond il-kunsilliera Cassar Sultana, qed ikollha talbiet biex ikun hemm lezzjonijiet tal-*Pilates* jew *Yoga* bi ħlas. Is-sindku staqsa jekk tafx b'xi persuna li tagħmel il-lezzjonijiet. Is-segretarja eżekuttiva qalet li hemm persuni Olandiżi li joqogħdu ta' Sannat stess u li kienu jagħmlu dawn it-tip ta' lezzjonijiet. Is-sindku qal li dawn il-lezzjonijiet, preferibilment filgħaxija, għandhom isiru l-iskola ta' Sannat, bi ftiehem mal-kap ta' l-iskola.

## 1.8

1.8.1

## Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 11 /2024

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 11 /2024 li ntbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mill-kunsilliera Galea . Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-*Internet Banking*. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-kunsilliera Galea u ssekondata mill-Kunsillier Bajada. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma' dawn il-minuti ta' din il-laqgħa. Il-kunsilliera rrimarkaw li l-kwotazzjonijiet tas-sound tal-events qed ikunu għolja ħafna. Is-segretarja eżekuttiva qalet li l-kunsill dejjem jitlob tliet kwotazzjonijiet u skont il-*procurement* dejjem imorru għall-irħas. Is-sindku qal li rigward is-servizz tas-sound, xi daqqiet ikunu marbutin bir-*riders* li jitolbu l-*bands* jew il-kantanti nfushom u x-xoghol ikollu jinghata lil minn tas-sound ikollu l-kapacitajiet meħtiega.

## 1.9

### 1.9.1

**Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fil-1.45pm u ġiet aġġornata.  Il-laqgħa li jmiss hija skedata għall-Ħamis 21 ta’ Novembru fil-1.00pm.

Konfermati, illum _____ta’ ___________________ 2024

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Philip Vella<br>Sindku | Marie Josette Vella Magro<br>Segretarja eżekuttiva |